

# Is-Surmast/Kompożitur Vincenzo Caruana Spiteri

Kitba ta' Mario Fenech

Is-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri twieled f'Ħal Luqa nhar l-4 ta' Mejju 1869 iben Ġużeppi u Karmena xebba Spiteri. Ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija l-għada stess, mill-Kappillan Dun Flavius Grima.

Kien ir-raba' wild minn fost ħames aħwa. Minbarra l-istudju tiegħu fl-iskola, meta kien għadu ta' età żgħira kien diġà beda jitgħallem l-arti tal-mużika fil-każin tal-Banda Sant'Andrija. Hawnhekk huwa beda juri l-kapaċitajiet kbar tiegħu f'dan is-suġġett. Studja wkoll l-armonija u l-kontrapunt. Kien idoqq ukoll il-vjolin u l-pjanu. Fl-iskola kien student eżemplari fejn kien kapaċi ħafna fil-lingwa franċiża, fil-lingwa ngliża kif ukoll fil-matematika. Ta' età żgħira kien diġà ġie maħtur bħala Surmast Direttur tal-Orkestra La Stella tal-Gudja u kien ukoll l-organista tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa.



Mro Vincenzo Caruana Spiteri

B'riżultati tajbin f'dan il-qasam huwa ntagħżel biex ikun *Acting Headmaster* tal-iskola Primarja tar-raħal tas-Sannat f'Għawdex. Hawnhekk huwa kien jgħin lill-għalliema l-oħra tal-iskola b'diversi suġġetti li kien iħejji għalihom. Minħabba li dak iż-żmien ma kinetx ħaġa faċli li toqgħod taqsam ta' kuljum bejn Malta u Għawdex, iddeċieda li jmur jgħix bil-familja tiegħu f'Għawdex.

Għex fir-raħal tas-Sannat għal 12-il sena, l-ewwel f'post fi Triq il-Kbira,



Mro Vincenzo Caruana Spiteri flimkien ma' xi membri quddiem il-każin 19 f'Misraħ il-Knisja fejn illum hemm il-wesgħa qabel tidħol għal Triq Pawlu Magri

imbagħad f'dar akbar fl-istess triq. Kemm dam jgħix fir-raħal tas-Sannat is-Surmast Caruana Spiteri kien l-organista tal-Knisja Arċipretali ta' Santa Margerita fejn huwa kkompona ħafna mużika sagra biex tindaqq waqt il-funzjonijiet li jsiru f'din il-knisja. Kien ukoll *Maestro di Cappella* waqt it-tliet'ijiem tat-tridu f'lejlet u nhar il-Festa ta' Santa Margerita.

Id-data tal-4 ta' Lulju 1926 hija waħda importanti għas-Sannatin kollha. Dak in-nhar, is-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri lesta x-xogħol tiegħu fuq il-famuża antifona ta' Santa Margerita *Veni Sposa Christi*. Kiteb ukoll diversi innijiet, *Tantum Ergo* u l-Litanija.

Fl-istess żmien is-Surmast Caruana Spiteri, li kien qiegħed jagħti dan is-servizz tiegħu f'għadd ta' knejjes Għawdxin, ta wkoll is-servizzi tiegħu liż-żewġ baned tal-Belt Victoria: *La Stella* u *Leone*.

Sfortunatament is-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri miet fl-età ta' 35 sena nhar is-Sibt 16 t'April 1932. Kien sarlu funeral kbir li baqa' jissemma għal żmien twil. Il-Banda *La Stella* tal-Belt Victoria daqqet marċi funebri waqt il-funeral tiegħu, fejn kien hemm ukoll rappreżentanza mis-Soċjeta' Filarmonika *Leone* kif ukoll mill-Għaqda Mużikali *Sant'Andrija* ta' Ħal Luqa.

Fost ix-xogħlijet tiegħu li għadna ngawdu nsibu s-Sinfonija *The European Conflagration*, kif ukoll il-Marcia Funebri *Ai Caduti Della Patria* u l-i*Stabat Mater*.

Għall-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ta' Ħal Luqa, isem is-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri, huwa isem li għadu sal-




Monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri li jinsab fir-raħal tas-Sannat f'Għawdex

ġurnata tal-lum miżmum b'għożża fost dawk ta' surmastrijiet eċċellenti li dejjem kellha din il-Banda, għax fihom kienet kapaċi trawwem dik l-imħabba lejn l-arti mużikali li baqgħet magħhom sa' mewthom.

**Nota Editorjali**

Kien ta' pjaċir għalina li s-sena li għaddiet, proprju nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju, il-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, flimkien mal-familjari tas-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri, u li kollha għad għandhom rabta mas-Soċjetà tagħna, ġejna mistiedna għal Akkademja Mużikali fil-knisja Arċipretali ta' Santa Margerita fis-Sannat, Għawdex. Dan il-kunċert sar sabiex jitfakkar il-120 sena mit-twelid ta' dan is-Surmast/Kompożitur bravu Vincenzo Caruana Spiteri.

Matul dan il-kunċert ġew esegwiti mhux inqas minn 11-il xogħol mużikali li ħarġu kollha kemm huma mill-pinna ta' dan is-Surmast/Kompożitur li għamel ġieħ lil pajjiżu u lil raħal twelidu.

Inħeġġu lil kulħadd
biex fil-jiem tal-festa
nieħdu sehem
fil-funzjonijiet reliġjużi
li jsiru fil-Knisja
matul il-ġimgħa
biex b'hekk
inkunu qed nagħtu l-akbar ġieħ
lill-Appostlu

Sant'Andrija.